MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 688/2013/1

**Stivala Operators Limited (C 23860)**

**v.**

**Nashira Limited (C 46550) u Filippo Maneri**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell minn decizjoni li tat il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Novembru 2013, li biha cahdet talba ta’ Nashira Ltd u Filippo Maneri ghas-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni ta’ sentenza deciza fit-18 ta’ April 2013, li in forza taghha l-imsemmija socjeta` Nashira Ltd u Filippo Maneri gew ikkundannati jhallsu lis-socjeta` Stivala Operators Ltd is-somma ta’ sittax-il elf tmin mija, disgha u sittin Euro u tnejn u tletin centezmi (€16,869.32) u dan pendenti proceduri ta’ ritrattazzjoni tal-istess kawza.

L-ewwel Qorti cahdet it-talba ghas-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “Ikkunsidrat illi in linea generali, talba ghal ritrattazzjoni ta’ kawza ma twaqqafx l-ezekuzzjoni tal-istess sakemm ma jkunx hemm ordni f’dan is-sens mill-Qorti li, skont l-Art. 823 tista’ tilqa’ talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni ta’ sentenza jekk tinghata garanzija mir-rikorrenti jew jigi muri lill-Qorti li l-ezekuzzjoni tohloq pregudizzju akbar milli johloq it-twaqqif.
>
> “Applikati l-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta lill-Qorti li mhux talli ma giet prezentata ebda garanzija sufficjenti, stante li l-fond immobbli ghadu suggett ghad-dejn mal-Bank, talli jidher illi jekk il-Qorti kellha tilqa’ t-talba, jibdew jithallsu krettituri ohra tar-rikorrenti odjern u dan ikun kawza ta’ pregudizzju akbar lill-kreditur li qed jittenta jigbor flus qabel kredituri ohra.

> “Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom.”

Meqjus l-appell ta’ Nashira Ltd u Filippo Maneri, din il-Qorti tara li fic-cirkostanzi ghandu jkun hemm sospenzjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza jekk ir-rikorrenti jaghtu garanzija tajba ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza jekk ma tigix imhassra, u dan kif jipprovdi l-Artikolu 823(2)(a) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Bhala garanzija hemm appartament il-Gzira li, pero`, hu moghti b’ipoteka u kopert bi privilegg specjali favur l-HSBC Bank Malta plc ghas-somma ta’ mija u erbat elef, sitt mija u tmienja u ghoxrin Euro (€104,628). Ir-rikorrenti jghidu li l-bilanc dovut huwa issa ta’ erbgha u disghin elf, seba’ mija erbgha u erbghin Euro u sitta u tmenin centezmi (€94,744.86), u l-appartament jiswa aktar minn hekk. Jghidu wkoll li hemm sekwestru kontra taghhom li ffriza l-flus kollha li kellhom fil-banek. Mill-atti, pero`, la jirrizulta x’inhu l-valur tal-appartament, u lanqas jekk il-mandat ta’ sekwestru kienx effettiv u f’kaz affermattiv, kemm gew sekwestrati flus, provi dawn li kellhom jaghmluhom ir-rikorrenti jekk jippretendu li tezisti garanzija sufficjenti.

Din il-Qorti tara li, a bazi tal-provi prodotti, ma jirrizultax li tezisti garanzija tajba kif trid il-ligi. Id-dejn favur l-HSBC Bank Malta plc ghadu wiehed ingenti, u din

il-Qorti ma tistax tispekula b'kemm jista' fil-futur jonqos – jekk ikompli hekk jonqos b'pagamenti ulterjuri, ghax jista' jizdied b'imghaxijiet ulterjuri – u lanqas, jekk l-imsemmi bank jipprocedi ghal bejgh tal-appartament, b'kemm jinbiegh.

Normalment, fond li jinbiegh bis-subbasta jinbiegh ghall-prezz hafna anqas il-valur reali tieghu, u meta tqis li l-bank ghandu, tista' tghid, kontroll fuq l-appartament, ma tarax li jista' jservi bhala garanzija tajba ghal kreditu tas-socjeta` Stivala Operators Ltd. Meta tqis li r-rikorrenti gew ikkundannati jhallsu s-somma ta' sittax-il elf, tmien mija, disgha u sittin Euro u tnejn u tletin centezmi (€16,869.32) u l-ispejjez kollha tal-kawza, tara li biex tigi sospiza l-ezekuzzjoni tas-sentenza trid tinghata garanzija tajba ghal sbatax-il elf Euro (€17,000).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' Nashira Ltd u Filippo Maneri billi tilqa' l-istess u tordna s-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza inkwistjoni jekk ir-rikorrenti jipprovdi "garanzija tajba" ghal hlas tas-somma ta' sbatax-il elf Euro (€17,000) li tinghata lis-socjeta` Stivala Operators Ltd jekk is-sentenza msemmija tat-18 ta' April 2013 ma tigix imhassra.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------